C/2026/3571

6.7.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

Każ M.12474 - TAIFU KECHUANG / PROSPERITY KINGSFIELD

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/3571)

1. Fl-24 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Taifu Kechuang Special Steel (Shanghai) Co., Ltd. ("Taifu Kechuang", iċ-Ċina), ikkontrollata minn CITIC Group Corporation ("CITIC Group", iċ-Ċina), intrapriża tal-Istat Ċiniż, u

— Prosperity Kingsfield Limited ("Prosperity Kingsfield", Hong Kong), ikkontrollata minn Guangzhou Aerotropolis Industrial Investment Group Co. Ltd., li hija wkoll intrapriża tal-Istat Ċiniż.

Taifu Kechuang se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tat-totalità ta' Prosperity Kingsfield, li għandha 100 % tal-interess ta' ekwità fi Stemcor Global Holdings Limited.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Taifu Kechuang hija pjattaforma ta' investiment li ma teżerċita l-ebda attività kummerċjali intiża għas-suq u hija kkontrollata minn CITIC Group. In-negozji ta' CITIC Group madwar id-dinja jkopru servizzi finanzjarji komprensivi, manifattura intelliġenti avvanzata, materjali avvanzati, konsum ġdid u urbanizzazzjoni ta' tip ġdid. Permezz tas-sussidjarji tiegħu, CITIC Group attiv fin-negozjar, id-distribuzzjoni u l-manifattura ta' materja prima tal-azzar u ta' prodotti tal-azzar,

— Prosperity Kingsfield, permezz tas-sussidjarji tagħha, hija prinċipalment attiva fin-negozjar u d-distribuzzjoni ta' materja prima tal-azzar u ta' prodotti tal-azzar. Hija taġixxi bħala intermedjarju li jgħaqqad lix-xerrejja mal-fornituri tal-azzar, mal-produtturi tal-materja prima, mal-produtturi speċjalizzati tal-azzar u mal-fornituri ta' servizzi ta' ħżin, mingħajr ma hija stess tikkontrolla l-ebda produttur tal-azzar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12474 — TAIFU KECHUANG / PROSPERITY KINGSFIELD

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË